# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

### Laqgħa Numru 66

Nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa'fbil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku

Ralph Mangion – Viċi Sindku

Neville Chetcuti – Kunsillier

Ian Buhagiar- Kunsillier

Hugh Caruana- Kunsillier

Jessica Borg- Kunsilliera

Alex Calleja Zammit - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mario Azzopardi- Kunsillier

ASSENTI

Jeremy Cardona - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

**Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Conrad Borg Manche, il-vici Sindku Ralph Mangion , il-Kunsillera: Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Hugh Caruana, Jessica Borg u Alex Calleja Zammit.

**66.01** **Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

66.01.01 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-Hamsa ta' filgħaxija.

66.01.02 Id- deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia infurmat li rċeviet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Azzopardi peress li ma kien ma jiflaħx.

**66.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**
**Korezzjonijiet u xogħol li jrid isir.**

66.02.01 B'referenza għall-punt 65.1.8 : Il-viċi Sindku Ralph Mangion fakkar li kellha issir tabella biex ma jipparkjawx karrozzi fi *Sliema Road* fejn *Swift Tyres* sabiex dawn ikunu jistgħu joħorġu matul il-ġurnata. Huwa staqsa jekk il-kunsill irċeviex korrespondenza minngħand is-sur Jurgen peress li l-ħin x'aktarx għandu jkun mis-7a.m sal- 5p.m minnflok mit-8 a.m sal-5p.m. Huwa informa l-kunsill li s-sur Jurgen kellu jiċċekja fuq din. Huwa fakkar ukoll li l-*isleeping police* fi Triq Luqa Briffa għadhom ma sarux.

66.02.02 Il-Kunsillier Neville Chetchuti fakkar li kemm il-junction box Ta' Sliema Road kif ukoll it-tabella ta' 30kmph għadhom ma sarux. Dan b'referenza għall-punt 65.1.3. Huwa staqsa wkoll kienx hemm xi korrespondenza ma' *Infrastructure Malta* (65.1.4) fuq *Msida Road* lejn Triq ix-Xatt peress li x-xogħol ġewwa din it-triq ma sarx sew u hemm bżonn li terġa' tingħata t-*tarmac*. Id- deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia informat li għalkemm *Infrastructure Malta* ġiet infurmata, il-kunsill għadu ma rċeviex korrespondenza fuq dan. Il-Kunsillier Neville Chetchuti kkonferma wkoll li x-xogħol fuq il-bus stop (65.1.6) beda u miexi sew.

66.02.03 Is-Sindu Conrad Borg Manche informa li x-xogħol tal- *bollards* fi *Sliema Road* fejn l-*istage* miexi sewwa.

66.02.04 Il-Kunsillier Ian Buhagiar informa li l-bankina ġewwa *Steward Street*, saret u saret sew.

66.02.05 Il-minuti ġew proponuti mill-Kunsillier Neville Chetcuti u ssekondati mill-viċi Sindku Ralph Magion.

66.03 Korrespondenza mas-sindku

66.03.01 Is-Sindku Conrad Borg Manche għarraf lill-kunsill li miexi x-xogħol fil-librerija tal-iskola. Il-kotba kollha jinsabu temporanjament ġewwa container sakemm jiġi mgħoddi d-dawl mill-ġdid, il-madum etc.

66.03.02 Is-Sindku Conrad Borg Manche informa l-kunsill li kkuntatjah Renato fejn ippropona li l-*Euro Village* isseħħ bejn l-14 ta' Ġunju sal-14 ta'Lulju 2024. Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

66.03.03 Il-Kunsillier Ian Buhagiar irraporta li l-*crane* li qed tintuża fi Triq Carlo Manche u Manuel de Vilhena qed twaqqa' ħafna żjut u qed tħammeġ dawn it-toroq. Is-Sindku Conrad Borg Manche talab li s-sur Jurgen jiġi infurmat b'dan u biex isir xi forma ta' *plastic* taħt il-*crane* biex din ma tibqax tħammeġ.

66.03.04 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia infurmat li l-kunsill irċieva talba mingħand kumpanija ta' *electrical toy rentals*. Hi għarfet lill-kunsilliera li fl-ittra ma tantx kien hemm dettal għalhekk is-sindku issuġġerixxa li ssir laqgħa ma' din il-kumpanija sabiex il-kunsill ikollu aktar informazzjoni. Il-kunsill imbgħad jista' jerġa jiltaqa' biex ikun jista' jieħu deċiżjoni aktar informata.

66.03.05 Is-Sindku Conrad Borg Manche għarraf lill-kunsill li hemm talba għal Triq Reggie Miller biex jittieħdu 5 *parking bays* biex ix-xogħol isir b'mod sikur. Din it-talba ġiet approvata mill-kunsill unanimament.

65.03.06 Is-Sindku Conrad Borg Manche għarraf lill-kunsilliera bit-talba biex bejn l-4 u s-6 ta'Ġunju tingħalaq Triq Teresa Spinelli bejn id-9a.m u l-10p.m peress li se jkun hemm il-*Water Polo Champions League*. L-iskola se tiġi kkuntatjata biex isir koordinament biex dan il-pjan jitwettaq b'success.

65.03.07 Is-Sindku Conrad Borg Manche rċieva talba oħra biex jittella *Bouncy Castle* u *Race track* żgħira għat-tfal. Il-Kunsillier Alex Calleja Zammit issuġġerixxa li għandha ssir sejha għall-offerta bejn din il-kumpanija u l-kumpanija tal-*electric toy cars* biex min jagħti l-aħjar offerta jkun jista' jarma b'mod temporanju.

65.03.08 Il-Viċi sindku Ralph Mangion ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm xi tlieta minn nies *homeless* li qed jorqdu fil-*playing field.* Il-pulizija għandhom jiġu mgħarrfa b'dan.

65.03.09 Is-sindku Conrad Borg Manche irċieva l-*quotations* tal-*pots.* Huwa qal li l-*heavy duty pots* ta' 120cm, bil-*compost,* bil-pjanti, bid-*delivery* u *labour* jiġu jiswew EUR 160 il-waħda. Se jkun hemm bżonn 22 *pot* li jiġu jiswew EUR 3,520. Hemm bżonn tintbgħat *e-mail* biex jikkonfermaw jekk it-tisqija ta' dawn il-pjanti hiex inkluża fil-prezz.

## 66.04 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

66.04.01 Il-Kunsillier Hugh Caruana staqsa jekk huwiex possibli jsiru żewġ *doggy bins* fi Triq Luqa Briffa, minn Triq *St. Albert* il-fuq. Il-kunsillier Neville Chetcuti offra li jmur jiċċekja u jinforma l-kunsill fil-laqgħa li jmiss.

66.04.02 Il-Kunsilliera Jessica Borg staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament fuq il-ġnien. Is-Sindku Conrad Borg Manche infurmaha li għad ma kien hemm l-ebda tibdil.

66.04.03 Il-Kunsillier Neville Chetcuti staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-pjazza. Is-Sindku Conrad Borg Manche ikkonferma li l-pjanti lesti u x-xogħol jista' jerġa' jibda.

66.04.04 Il-Viċi sindku Ralph Mangion staqsa lis-Sindku Conrad Borg Manche dwar is-sitwazzjoni tas- sinjura Josephine li toqgħod Triq *Carlo Manche.* Huwa staqsa jekk meta tinqala *blue badge* taqax taħt ir-responsabilita' tal-kunsill biex issir il-kaxxa fi triq. Is-Sindku għarraf li għandu jiċċekkja fuq din.

66.04.05 Il-Kunsillier Ian Buhagiar ġibed l-attenzjoni li x-xogħol tal-*Community Police* mhux jidher. Il-Kunsilliera Jessica Borg offriet li tibgħat il-grupp li hemm fuq *facebook* tal-*Community Police* lill-kumplament tal-kunsilliera biex dawn ikunu jaggornati dwar min ikun hemm *duty*.

## 66.05 *Tender Collection* tal-kiri u installazzjoni ta' dekorazzjonijiet tal-Milied ġewwa l-Gżira, Bulky Refuse u WEEE mil-lokalita tal-Gżira bl-użu ta trasport Low Emission u servizzi ta' tindif fit-toroq għall-ambjent aħjar.

66.05.01 Din għada trid tiġi indirizzata.

## 66.06 Rapport

66.06.01 Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 66.07 Mistoqsijiet u suġġerimenti ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

66.07.01 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet jew suġġerimenti oħra.

## 66.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

66.08.01 Il-Kunsillier Neville Chetcuti ippropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Kunsillier Ian Buhagiar issekondah.

## 66.09 Mozzjoni

66.09.01 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.10.01 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas- 7.00p.m. Is-seduta li jmiss se tkun aggornata ghal nhar it-Tnejn 25 ta'Marzu 2024.

Konfermati llum 26 ta' Frar 2024

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche | Mandy Farrugia |
| Sindku | Dep. Segretarju Eżekuttiv |